



Brussell, 20 ta' Mejju 2020
(OR. en)

6643/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0108(COD)**

**CODEC 166
TRANS 101
CH 9**

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lill-Italja biex tinnegozja u tikkonkludi ftehim mal-Iżvizzera li jawtorizza operazzjonijiet ta' kabotaġġ matul il-forniment ta' servizzi internazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank fir-reġjuni tal-fruntiera bejn iż-żewġ pajjiżi (l-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-att legiſlattiv

1. Fit-13 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹ bbażata fuq l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 91 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Settembru 2019².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat iżda ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fit-13 ta' April 2020, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 9362/19.

² ĠU C 14, 15.1.2020, p. 118.

³ 6626/20.

5. Fin-nuqqas ta' laqgħat tal-Kunsill u fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556⁴, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lill-Italja biex tinnegozja u tikkonkludi ftehim mal-Iżvizzera li jawtorizza operazzjonijiet ta' kabotaġġ matul il-forniment ta' servizzi internazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank fir-reġjuni tal-fruntiera bejn iż-żewġ pajjiżi, kif jinsab fid-dokument PE-CONS 2/20⁵.
-

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556 tal-21 ta' April 2020 li testendi d-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 128I, 23.4.2020, p. 1).

⁵ Id-dokument PE-CONS 2/20 ser ikun disponibbli fi żmien xieraq.